MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2011

Avviz Numru. 381/2009

**Nutar Dottor Nicolette Vella (ID 71476M)**

**Vs**

**Corporate Services Limited (C16898)**
**fil-kapacita' taghha ta' 'trustee'**
**ta' The Progen Trust'**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attrici talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attrici s-somma ta' sebat elef erba' mija wiehed u sebghin ewro u tnejn u sittin centezmu (€7,471.62) rapprezentanti protector's fees u drittijiet professjonali ohra lilha dovuti mis-socjeta' konvenuta bhala 'trustee' ta' 'The Progen Trust'.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk relattivi ghall-ittra ufficjali datat 29 ta' Settembru 2009 u l-mandat ta' s-sekwestru

kontestwalment prezentat, u bl-imghax legali sa l-effettiv pagament, kontra s-socjeta’ konvenuta, rapprezentanti ta’ liema huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra ir-risposta tas-socjeta’ konvenuta (fol 10 tal-istess atti) u li biha rrispondiet bir-rispett:-

Illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes ghas-segwenti ragunijiet:

1. In linea preliminari, li parti mit-talba hija preskritta u dan a tenur tal-artikolu 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. Subordinatament, li in kwantu t-talba tikkoncerna spejjes ohra huwa rizervat d-dritt li jitqajjem l-eccezzjoni ta’ preskrizzjoni skond il-kaz in vista tal-fatt li sal-lum ghad mhux maghruf l-allegat s-servizzi prestati f’ xhiex kienu jikkonsistu.
3. Fil-mertu u minghajr pregudizzju ghal dak eccepit precedentement li r-rikorrenti ma wetqitx l-manzonijiet lilha affdati b’konsegwenzi serji ghad-detriment tal-istess ‘trustee’ u l-beneficjarja u ghalhekk ma hemmx servizzi ta’ xhiex tithallas.
4. Minghajr pregudizzju ghal premess u in subordinazzjoni ghal istess r-rikorrenti ghandha tipprova li kellha ftehim li jistipula l-hlasijiet vantati.
5. F’kull kaz dejjem minghajr pregudizzju ghal dak eccepit u in subordinazzjoni ghall-istess ghandhom jitnaqqsu minn kull ammont li jista jigi dikjarat dovut dawk il-hlasijiet li thallsu bi zball lir-rikorrenti.
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli mill-ligi kif ukoll id-dritt li tipprocedi kontra r-rikorrenti ghar-risarciment tad-danni subiti kkawzati ukoll rizultat ta’ nuqqasijiet imputabbli lilha.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat waqt is-seduta tal-15 ta’ Marzu 2010 dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni (fol 12 tal-atti) u waqt is-seduta tas-26 ta’ Mejju 2010 a fol 17 ibid (ara ukoll fol 18 ibid), dak verbalizzat waqt is-seduta tat-18 ta’ Ottubru 2010 a fol 19 ibid, dak verbalizzat a fol 22 ibid waqt is-seduta tal-17 ta’

Jannar 2011 u tat-30 ta’ Mejju 2011 (fol 22 u fol 24 rispettivament).

Ikkunsidrat

Illi dwar l-ewwel (1) u t-tieni (2) eccezzjoni jigu rilevati s-segwenti fatti:-

a) L-attrici (fol 25 u fol 26 ibid) xehdet illi, in rigward is-servizzi msemmija fir-rikors promotur, il-klijenta taghha kienet ippromettiet f’diversi okkazzjonijiet, illi kien ser jsir il-hlas dovut izda dan ma kienx avvera ruhu. Inoltre s-socjeta’ kovenuta, avolja nghatat l-opportunita ma gabet ebda prova in konnessjoni mal-ewwel (1) eccezzjoni sottomessa minnha waqt li jigi rilevat illi l-istess socjeta’ konvenuta ma indikatx is-sub-inciz tal-artikolu 2148 li jista’ jkun applikat f’dan il-kaz.
b) In rigward it-tieni (2) eccezzjoni, din ma tistax tigi konsiderata mill-istess Qorti minhabba l-mod kif giet proposta.
c) Dwar il-meritu, waqt li jerga jigi rilevat illi s-socjeta’ konvenuta ma resqet l-ebda prova, l-attrici kkonfermat, meta xehdet, illi l-ammont mitlub hu u ghadu dovut.

Illi ghalhekk waqt li l-eccezzjonijiet kollha ghandhom jigu respinti, it-talbiet attrici ghadhom jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha sottomessi mis-socjeta’ konvenuta, tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta sabiex thallas lill-attrici s-somma ta’ €7471.62 bl-imghax legali mid-29 ta’ Settembru 2009 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-29 ta’ Settembru 2009 u tal-mandat kawtelatorju ta’ sekwestru tad-9 ta’ Ottubru 2000.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------